MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

Il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-16:00.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Ġorġ Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 15.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

15.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 15.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

15.2.1 Is-Sindku qal li peress il-van u ir-roti ser ikunu fil-bitħa tal-iskola, importanti li l-post ikun siguru għalhekk l-aħjar huwa li jitpoġġew cameras fuqhom. Il-Kunsill talab quotes u inġabret stima l-irħas stima ta €1310.00 għall-istess cameras. Il-Kunsill qabel li jsiru immedjatament.

15.2.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ġabar l-informazzjoni rigward l-ismijiet ta' passaġġi u isem għall-isqaq tat-Torri u wasal għall-dawn l-ismijiet – L-isqaq fi Triq it-Torri jingħata isem ta' Sqaq tan-Nenija u l-passaġġi jissemmew hekk: Mogħdija tal-Qasam, Mogħdija tal-Wied ta' Pisklu. Huwa semma li peress li l-isem tal-Isqaq għandu bżonn l-apporvazzjoni għandna mmexxu mal-Kumitat tat-tismija tat-toroq u tal-mogħodijiet għandna nipproċedu bl-ordni tal-plakki peress li mill-Ministeru għal Għawdex kienu infurmawna li mhux meħtieġ permess tal-Kumitat. Kien hemm qbil dwar dan.

15.2.3 Is-Sindku qal li hu flimkien mal-avukat Dr. Joshua Grech u s-SE bagħtu ittra legali lill-Pulizija rigward il-kont pendenti relatat mas-servizz tagħhom fi Triq tal-Qasam, bħala risposta li kienet intbagħtet minnhom stess.

15.2.4 Is-Sindku qal li kellem lil Kappillan sabiex nikkonkludu l-kuntratt ta' bejn il-Paroċċa u l-Kunsill fejn qed jintuża dawl tal-Paroċċa għall-użu tal-cameras u Għajn tal-ilma fil-Pjazza. Kien hemm qbil dwar il-miżati u għandhom jiġu ffirmati.

15.2.5 Is-Sindku qal li talab li-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-skema simili tal-Librerija sabiex jerġgħu isisru korsijiet simili ta' qabel peress li kienu ta' suċċess. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.2.6 Is-Sindku qal li kellu talba mill-Wasteserv sabiex il-Kerbside truck ibiddel il-post u jiġi iktar ċentrali bħal Pjazza. Is-Sindku qal li jaqbel ma din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.2.7 Is-SE saqsiet ser tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward permessi għall-kiosks jew events organizzati waqt il-Festa. Il-Kunsill qabel li jingħataw il-permessi dment li jkunu konformi mal-avviżi legali tal-awtoritajiet tas-Saħħa.

15.2.8 Is-SE qalet li irċiviet rikjesta b'email mingħand is-Sur George Mizzi fejn talab li qed isir filming madwar Għawdex u għandu bżonn xi reserved parking spaces u xi refreshments għall-atturi. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

15.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li d-Dwejra fejn ivaraw l-islipway tad-dgħajes qed tkun dejjem imblukkat b'apparat tad-divers u ippropona li t-taraġ jitpoġġa n-naħa l-oħra. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Ministeru.

15.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li kellu esperjenza sabiħa Ħondoq fejn ħa sehem fi clean up ġol-baħar b'użu ta canoes u divers. Hu saqsa lil Kunsill jaqblux jekk issir xi ħaġa simili d-Dwejra. Il-Kunsill qabel unanimament u kien propost li din tkun parti mill-iskema tal-Clean up the World.

## 15.4 Attivita' Kulturali fis-Sajf 2020;

15.4.1 Is-Sindku qal li peress mhux se ssir Festa bħas-snin l-oħrajn, hu importanti li l-Kunsill joħloq attivita' fejn tgħolli l-moral. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jidħol mal-għaqdiet u jorganizza attivitajiet events. Dan għandu jsir biss b'konformita ma dak li jitolbu l-awtoritajiet tas-saħħa. Hu kompla jgħid li talab lil Ministeru għall-Għawdex għall-sponsorship ta' €6000 pero ingħata €2500 biss u għalhekk qed jitlob il-Kunsill sabiex jinħarġu €1500 oħra. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.5 Monument ta' San Lawrenz;

15.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa għaddej il-maintenance tal-Monument mill-ħaddiema tal-Ministeru għal-Għawdex. Hu kompla jgħid li dejjem qed jittieħdu pariri mill-artist John Grima rigward materjal li ser jintuża pero xi drabi diffiċi isir kuntatt. Il-Kunsillier Joseph Cauchi saqsa għaliex qed jinbena l-ħajt ta' wara l-monument u s-Sindku wieġbu, li dak qed iser bħala backdrop tal-monument. Huwa semma li bħalma kien sar qabel tkellem mas-sidien tal-għalqa u kien hemm qbil magħhom li l-ħajt jista' jsir, pero jekk xi darba dawn l-istess sidien ikunu jridu jibnu dik l-art u l-monument ikun qed itellef għandu jsir spostament tal-istess monument għal x'imkien ieħor. Kien hemm qbil dwar dan.

## 15.6 Kuntratti għall- Għaqdiet Relatati mal-Vettura u Roti Elettriku;

15.6.1 Is-SE ippreżentat il-kuntratti drafted mill-avukati ta' Cosyra legal. Wara li qrathom sar qbil li jsiru emendi zgħar bħall; min jieħu r-roti jista jżommhom sa massimu ta 48 siegħa imbasta jinġabu lura 15 minuta qabel l-għeluq ta' uffiċini.
Is-Sindku informa wkoll li hu u s-SE iffirmaw il-kuntratt għall-għotja tal-flus tar-roti u van u issa dawn jistgħu jitħallsu. Informa wkoll li għadw qed jistenna data mill-Ministeru tat-transport għall-inawgurazzjoni Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.7 Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill;

15.7.1 Is-SE ippreżentat l-ittra ta' direzzjoni (Management Letter) bil-kummenti tal-awdituri. Wara li s-SE spjegat l-lista tal-kummenti flimkien mar-risposti tal-Kunsill, il-Kunsill approva.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

15.8.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 15.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:15 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir l-Erbgħa, 12 ta' Awissu 2020 fil-16:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv